# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 13**
**Rikors Guramentat Numru : 223/2014/LSO**

**Sara Blasina (KTI Taljana AK0743427) ghan-nom taghha personali kif ukoll bhala mandatarja ta' ohtha Mirta Alessandra Blasina (KTI Taljana AK7838274)**

**vs**

**Luisa Pedroni maghrufa wkoll bhala Luisa Pedroni Blasina (ID 0039090A)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Sara Blasina *pro et noe* datat 14 ta’ Marzu 2014 fejn bil-gurament taghha tikkonferma Sara Blasina li taf personalment bil-fatti segwenti :

Illi r-rikorrenti huma ulied Pietro Blasina (ID 0024933A), li miet fl-eta` ta' 83 sena fid-19 ta' Marzu 2013 u halla lil uliedu bhala werrieta assoluti tieghu permezz ta' testment tal-4 ta' Ottubru 2008; l-intimata hija t-tieni mara ta' Pietro Blasina, u zzewgitu fit-23 ta' April 1994;

Illi wara tali data l-konjugi Blasina stabbilew f’ Malta r-residenza ordinarja taghhom u jirrizulta li l-konjugi Blasina qatt ma resqu ghal ebda att pubbliku sabiex jaghzlu r-regim tas-separazzjoni ta' l-assi, u ghaldaqstant, *ai termini* ta' l-art.1316(2) tal-Kap. 16, kien jopera bejniethom, f’ Malta, ir-regim tal-komunjoni tal-beni;

Illi l-esponent ghandhom interess illi jigi stabbilit liema kienu l-assi parafernali rispettivi tal-konjugi Blasina, liema kienu l-assi appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejniethom, u sabiex tali komunjoni kif ukoll il-wirt ta' Pietro Blasina jigu likwidati u diviza;

Illi bejn il-konjugi Blasina, fil-mument tal-mewt ta' Pietro Blasina, kienu diga' ghaddejjin proceduri dwar somom ta' flus appartenenti lill-istess Pietro Blasina li gew mizmuma abbuzivament mill-intimata (Rik. Gur. Nru 1245/08JZM), kif ukoll gie intavolat u degretat Mandat ta' Inibizzjoni Nru

198/14JZM mir-rikorrenti odjerni in konnessjoni ma' proprjeta` li l-intimata xtrat f' isimha f' Malta; f' dawn iz-zewg proceduri jinsabu l-maggor parti tal-provi necessarji f' din il-kawza, u ghaldaqstant qieghed jintalab minn issa illi din il-kawza timxi mal-kawza msemmija minhabba konnessjoni ta' mertu filwaqt illi l-atti tal-mandat jigu annessi ma' din il-kawza sabiex tigi evitata duplikazzjoni ta' provi u dokumenti;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti jitolbu umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti huma l-werrieta ta' Pietro Blasina;

2. Tiddikjara l-konsistenza ta' l-assi parafernali rispettivi ta' Pietro Blasina u ta' l-intimata rispettivament billi tiddikjara li l-imsemmija assi jikkonsistu f' dawk il-beni u assi li ser jirrizultaw matul is-smigh tal-kawza; u

3. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti bejn Pietro Blasina u l-intimata billi tiddikjara li l-imsemmija assi tal-komunjoni jikkonsistu f' dawk il-beni u assi li ser jirrizultaw matul is-smigh tal-kawza u tordna l-qasma ta' tali assi skont il-ligi bejn ir-rikorrenti u l-intimata; okkorrendo billi thejji pjan ta' qasma u assenjazzjoni, inkluz bil-hatra ta' nutar u kuraturi ghall-kontumaci alternattivament billi tordna

l-bejgh in licitazzjoni ta' kwantu mhux kommodament divizibbli, skont ma jidhrilha dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 198/14JZM, u bir-rizerva ta' kull azzjoni legali ulterjuri.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ April 2014.

Rat ir-risposta guramentata **ta' Luisa Blasina** datata 8 ta’ April 2014 (fol 10) fejn esponiet :

1. Illi hija wkoll tixtieq isir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha Pietro Blasina mid-data taz-zwieg taghhom sad-data tal-mewt ta' Pietro Blasina *purche'* l-ewwel mill-komunjoni tal-akkwisti jigu assenjati lill-esponenti l-beni kollha parafernali taghha.

2. Illi m'huwa minnu xejn dak li gie allegat fir-raba' paragrafu tar-rikors promotur illi b'xi mod l-esponenti ghandha f'idejha xi flus appartenenti lil Pietro Blasina kollox kif jigi spjegat fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-konjugi Blasina ladarba ma kellhom l-ebda tfal billi l-atturi huma wlied Pietro Blasina mill-ewwel zwieg skont il-Ligi taghna l-eccipjenti ghandha dritt tircievi mill-proprjeta' appartenenti lil zewgha l-porzjoni rizervata lilha skont il-Ligi u cioe` kwart ta' sehemu *oltre* li ghandha dritt, sakemm terga' tizzewweg jekk ikun il-kaz li tghix fid-dar konjugali li kienu bnew flimkien u ghexu fiha l-konjugi Blasina sakemm l-esponenti tigi nieqsa.

4. Ghandu jinghad illi l-esponenti kienet giet imkeccija bi vjolenza minn zewgha Pietro fis-sena 2008 u ghalkemm ghamlet minn kollox biex terga' tidhol gewwa darha anke wara li Pietro gie ghal diversi drabi ordnat mill-Qorti tal-Familja illi jghaddilha cavetta tas-serratura li kien illegalment u abbuzivament biddel biex l-esponenti ma jkollix access ghal darha xorta wahda rrnexxielu jzommha milli tidhol sal-gurnata tal-mewt tieghu. Mhux hekk biss izda anke wara mewtu, ‘il fuq minn sena ilu l-esponenti ghadha sallum bi vjolenza michuda mill-uzu esklussiv ta' darha, id-dar matrimonjali billi l-atturi ghadhom jokkupaw l-istess minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

5. Illi ghaldaqstant meta din il-Qorti tigi biex tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti u tassenja lill-esponenti sehemha mill-istess kif ukoll dawk l-assi kollha li kienu u ghadhom parafernali taghha ghandha tiddikjara illi l-esponenti ghandha dritt ghall-porzjoni rizervata bil-Ligi lilha dovuta mill-assi ereditarji ta' Pietro Blasina kif ukoll illi ghandha d-dritt esklussiv li tokkupa wahida d-dar konjugali u cioe' 28, Triq il-Gifen, M'XIokk b'mod immedjat u sakemm jew tigi nieqsa jew terga' tizzewweg.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti kontra l-atturi jew min minnhom ghall-okkupazzjoni illegali da parti taghhom tad-dar konjugali fuq imsemmija.

Rat ir-rikors ta’ Sara Blasina *pro et noe* datata 18 ta’ Novembru 2014 a fol 18 tal-process fejn tablet lil-Qorti

sabiex tissopprasjedi milli tisma' il-kawza fl-ismijiet premessi jew alternattivament tiddeferixxi *Sine Die* din l-istess kawza, u dan sakemm jinqata' b' mod finali r-rikors guramenta numru 1245/08 JZM : u l-Qorti, kif jidher bid-digriet taghha moghti fis-26 ta' Jannar 2015 a fol 23 *et seq* tal-process ordnat illi :

*"Il-Qorti,*

*Ghaldaqstant tilqa' t-talba dedotta fir-rikors odjern fis-sens li tiddifferixxi l-kawza odjerna sine die biex tistenna l-ezitu tal-kawza 1245/08 JZM riappuntabbli fuq talba ta' wiehed mill-partijiet fi zmien xahar minn meta jigu terminati definittivament dawk il-proceduri;"*

Rat ir-rikors ta' Luisa Pedroni Blasina datat 27 ta' Jannar 2015 a fol 27 tal-process fejn l-esponenti ghamlet ampju riferiment ghall-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 biex dan jitqies bhal parti tal-istess rikors u talbet lill-Qorti sabiex tordna r-riappuntament tal-kawza ghal data vicina sabiex dakinhar jew f' stadju ulterjuri r-rikors tat-18 ta' Novembru 2014 jigi tratta b' dan illi, jekk ikun opportun, u ghal ragunijiet li gia ssemmew u li jissemmew fid-data tar-riappuntament tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha stess tas-26 ta' Jannar 2015 fejn laqghet it-talba ta' Sara Blasina ghas-soprasessjoni u appuntat l-kawza ghas-smigh ghat-12 ta' Frar 2015 kif jidher bid-digriet moghti fit-28 ta' Jannar 2015 a fol 28 tal-process.

Rat in-nota ta' Luisa Pedroni datata 25 ta' Frar 2015 a fol 33 tal-process li biha u in ottemporament mal-verbal ta' din il-Qorti datat 12 ta' Frar 2015, qed tannetti kopja tar-rikors guramentat u tar-risposta guramentata li gew prezentati fil-kawza citazzjoni numru **808/13JA fl-ismijiet Luisa Pedroni Blasina vs Sara Tea Blasina** quddiem l-iMhallef Joseph Azzopardi u li qed jigu annessi u mmarkati Dokument A u Dokument B rispettivament.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-11 ta' Marzu 2015 a fol 77 u 78 tal-process fejn gie degretat illi :

*"Ghaldaqstant il-Qorti mhi ser tbiddel xejn mid-Digriet taghha tas-26 ta' Jannar 2015 kif ammendat b'Digriet tat-12 ta' Frar 2015, fis-sens li tordna l-prosegwiment ta' din il-kawza fuq l-ewwel talba attrici fl-isfond tal-eccezzjoni tal-konvenuta li ghandha jedd ghall-porzjoni rizervata ghall-armla skont il-Ligi."*

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 18 ta' Gunju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Gianfranco Gauci u Dr Sabrina Micallef ghall-attrici prezenti, u Dr Jacques Farrugia ghall-intimata prezenti. Xehdet bil-gurament taghha l-intimata, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri tal-partjiet jiddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar fuq l-ewwel (1) talba attrici u fuq dik il-parti tal-hames (5) eccezzjoni li tirrigwarda l-porzjoni rizervata. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-istess talba u eccezzjoni ghad-29 ta' Ottubru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Ikkonsidrat li permezz tal-kawza odjerna, ir-rikorrenti qed jitolbu, previa dikjarazzjoni li huma werrieta tad-decujus Pietro Blasina, l-likwidazzjoni tal-assi parafernali tieghu kif ukoll ta' sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejnu u bejn martu l-intimata, kif ukoll il-qasma tal-istess assi bejn il-kontendenti inkluz il-bejgh in licitazzjoni fejn jirrizulta li l-assi mhumiex komodament divizibbli.

Illi fil-qosor jirrizulta mill-atti li Pietro Blasina miet fid-19 ta' Marzu 2013 u l-intimata hija t-tieni mara tad-decujus. U mit-tieni zwieg ma kellhomx tfal. Ir-rikorrenti huma uliedu mill-ewwel zwieg u werrieta assoluti tieghu skont l-ahhar volonta' tieghu imfissra bl-ahhar testment tal-4 ta' Ottubru 2008 .

Illi mhux ikkontestat li hemm proceduri ohra pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **Pietro Blasina pro et noe v Luisa Pedroni Blasina**, istitwiti qabel il-mewt tad-decujus (Rik.Gur. Numru1245/08JZM). Din il-kawza tittratta dwar pretensjoni ta' kreditu vantat minn Pietro Blasina kontra l-konvenuta martu. Inoltre l-istess Luisa Pedroni Blasina pprezentat rikors guramentat kontra Sara Tea Blasina (**rik.Gur.808/13JA)** li jittratta dwar l-okkupazzjoni tad-dar 28, 'Shalom', Triq il-Gifen, Marsa Xlokk mill-intimata odjerna.

Illi din hija sentenza fuq l-ewwel (1) talba attrici u fuq dik il-parti tal-hames (5) eccezzjoni li tirrigwarda l-porzjoni rizervata billi bejn il-kontendenti hemm il-proceduri imsemmija gudizzjarji fl-ismijiet inversi.

Bl-ewwel talba taghhom ir-rikorrenti qed jitolbu minn din il-Qorti dikjarazzjoni li huma l-werrieta ta' Pietro Blasina filwaqt li l-hames eccezzjoni hija imfissra hekk:

"*Illi ghaldaqstant meta din il-Qorti tigi biex tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti u tassenja lill-esponenti sehemha mill-istess kif ukoll dawk l-assi kollha li kienu u ghadhom parafernali taghha ghandha tiddikjara illi l-esponenti ghandha dritt ghall-porzjoni rizervata bil-Ligi lilha dovuta mill-assi ereditarji ta' Pietro Blasina kif ukoll illi ghandha d-dritt esklussiv li tokkupa wahida d-dar konjugali u cioe' 28, Triq il-Gifen, M'XIokk b'mod immedjat u sakemm jew tigi nieqsa jew terga' tizzewweg*."

Illi madanakollu huwa eskluz ghall-iskopijiet ta' din is-sentenza *in parte,* dik il-parti tal-hames eccezzjoni li tirrigwarda l-jedd *o meno* tas-superstiti li tabita fid-dar konjugali billi dan hu gja mertu tal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi.[1]

**L-Ewwel Talba**

Gew esebiti r-ricerki mahruga mir-Registru Pubbliku ta' Malta ta' Pietro Blasina[2] minn fejn jirrizulta li hu ghamel testment fit-3 ta' Novembru 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor

[1] Ara Digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Marzu 2015
[2] Fol 81-82 tal-process.

Margaret Heywood. Mir-ricerka dwar testmenti sigrieti[3] jirrizulta li gie depozitat testment sigriet min-Nutar Dottor Patricia Hall fis-7 ta' Ottubru 2008. Dan l-ahhar testment gie debitament ippubblikat mill-On. Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) fl-ewwel (1) ta' Lulju 2013.

Il-Qorti ser tezamina d-dokumenti esebiti mill-partijiet li huma rilevanti ghal din it-talba.

**Testment Sigriet ta' Pietro Blasina**

B'testment sigriet tal-4 ta' Ottubru 2008 ricevut min-Nutar Dottor Patricia Hall (fol 85), Pietro Blasina hassar u irrevoka kull testment maghmul minnu qabel dik id-data. Inoltre, permezz tat-tieni artikolu, innomina u istitwixxa b'eredi tieghu universali u in assolut lil uliedu mill-ewwel zwieg, Sara Blasina u Mirta Alessandra Blasina, fi kwoti indaqs bejniethom u bid-dritt ta' sostituzzjoni u akkrexximent bejniethom.

Ir-rikorrenti **Sara Blasina** xehdet b'affidavit[4] li hi u ohtha Mirta Alessandra huma l-unici wild tad-decujus.

**Stat mentali tat-Testatur**

Il-konvenuta pprezentat nota fl-20 ta' April 2015 fejn tallega li t-testatur ma ssoddisfax il-linji gwida tal-*Mini Mental State examination.* Madanakollu l-validita' tat-testmenti ta' Pietro Blasina mhuwiex in kontestazzjoni f'din il-kawza. Anzi l-istess konvenuta qed tirreklama is-sehem riservat taghha u

[3] Fol.83 tal-process.
[4] esebit a fol 90 tal-process.

dan jippresumi li qed tistrieh fuq il-validita' tat-testment maghmul minn zewgha. Altrimenti kienet tippretendi s-sehem dovut lilha *ab intestato.*

Illi jirrizulta car u manifest mill-ahhar testment ta' Pietro Blasina li r-rikorrenti Sara Blasina, u Mirta Alessandra Blasina huma l-werrieta ta' missierhom Pietro Blasina fi kwoti indaqs bejniethom.

Ghalhekk l-ewwel talba attrici qed tigi milqughha.

**Il-Hames Eccezzjoni.**

Permezz ta' din l-eccezzjoni l-intimata qed tinvoka s-sehem riservat taghha bhala mart it-testatur.

Skont l-**artikolu 631 tal-Kodici Civili** jekk id-decujus ihalli tfal jew dixxendenti ohra, is-superstiti minn fost il-mizzewgin ghandu jedd ghal kwart (1/4) tal-valur tal-beni tad-decujus (**artiklu 631 abbinat mal-artikolu 615 tal-Kodici Civili**).

Dan huwa s-sehem riservat spettanti lill-intimata bhala l-armla ta' Pietro Blasina.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti ma ddeducew l-ebda raguni ghalhiex l-intimata m'ghandhiex tibbenefika mis-sehem rizervat (ara **l-artikolu 638 tal-Kodici Civili**). Difatti ma jirrizultax li hi giet dizeredata minn zewgha jew li huma separati personalment, jew divorzjati kif ikkontemplat fl-imsemmi dispozizzjoni legali.

Ghalhekk hija gustifikata l-intimata li tippretendi dan is-sehem li ttiha l-Ligi stess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa' l-hames (5) eccezzjoni** sollevata mill-intimata, **tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddisponi mill-istess skont dan li gej:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li r-rikorrenti huma l-werrieta ta' Pietro Blasina fi kwoti indaqs bejniethom b'dan li l-intimata ghandha s-sehem riservata lilha spettanti skont il-Ligi ta' kwart (1/4) tal-valur tal-beni tad-decujus.

**L-ispejjez jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Ottubru 2015**